# KUNSILL LOKALI – TA' SANNAT – LOCAL COUNCIL

*Labor Ante Omnia*

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 02

18 ta' Lulju, 2024

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-11.31am

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Philip Cassar – Viċi Sindku
Francis Galea – Kunsilliera
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Franco Bajada - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI [Skont Ordni Permanenti 14A(3)]:

Ħadd

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marie Josette Vella Magro – Segretarja Eżekuttiva

# Aġenda Nru. 02

1.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
1.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 01
1.3 Komunikazzjoni mis-Sindku
1.4 Komunikazzjoni
1.5 Affarijiet oħra - Dekasteri tal-kunsilliera
1.6 Ilmenti u suġġerimenti
1.7 Approvazzjoni tal-pagamenti
1.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 1.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

1.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 1.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 01

1.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa preċedenti Nru. 01 l-għaxar leġislatura, li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 1.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

1.3.1 Is-Sindku beda din il-laqgħa billi ta rendikont tax-xogħlijiet kurrenti, fondi li l-kunsill preċedenti rnexxielu jikseb u raġunijiet għala x-xogħlijiet ma bdewx għaliex ma setghux isiru għal xi raġuni jew oħra.

1.3.2 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni fuq l-ambaxxatur/a taż-żghazagħ fi ħdan il-kunsill, li bħalissa huwa vakanti. Il-kunsill kien ħareġ sejħa għal dan il-post vakanti, imma sfortunatament ma kien applika ħadd. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-ambaxxatura preċedenti Francesca Borg tibqa żżomm dan l-irwol, sakemm jinstab xi ħadd interessat biex ikun ambaxxatur taż-żagħżagħ. Però ir-regolamenti ma jippermettux.

1.3.3 Is-Sindku ta rendikont fuq ix-xogħlijiet marbuta mal-pjazza Santa Margerita, l-isem 'Ta' Sannat' fid-daħla tar-raħal u parti minn Sannat road: x xogħlijiet tanġibli issa ngħalqu u eventwalment dawn il-kuntratturi konċernati li għamlu x-xogħlijiet jitħallsu. L-ispejjeż kollha marbuta ma' dan il-progett se jkunu ffinanzjati mill-Ministeru għal Għawdex, bil-kunsill ħa ħsieb il-proġett u hemm proċeduri konċernati ta' kif irid isiru l-ħlasijiet lil kuntratturi. Il-perit tal-kunsill irid jiċċertifika x-xogħlijiet li huma marbutin fejn għandu x'jaqsam il-perit, kif ukoll l-inġinier jiċċertifika x-xogħlijiet konċernati ma' l-inġinerija. Meta l-kunsill jirċievi l-konfermazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni mitluba, l-kunsill jista' jibgħat dawn il-pagamenti mitluba lill-ministeru għal Għawdex biex ikunu jistew jgħaddu l-flus lill-kunsill biex jitħallsu l-kuntratturi. Intalab u hemm qbil mil-Kunsilliera kollha fuq dan il-lat li l-kontijiet li jkunu ccertifikati korretti in konnessjoni ma' dan il Progett tal-Pjazza jithallsu

kollha appena jaslu l flus mill-Ministeru wara li tgħaddi l-proċedura kollha li hi kemmxejn twila u jkun hemm l-approvazzjoni minn naħa tal-MGOZ. Is-Sindku emfasizza li din il proċedura tista' ttawwal għax ma jkollniex kontroll fuq kemm idumu biex jaslu l-flus approvati. Ukoll semma li parti mil-proġett li baqa jsir huwa li l-enemalta jikkomunikaw kollox taħt l-art fi Triq Sannat, l-pajpijiet lesti bil-wires mgħoddijin, biex eventwalment jiġu eliminati l-aerial cables ta' barra.

1.3.4 11.37 am il-kunsilliera Cassar toħroġ mill-laqgħa u terġa tidħol wara ftit sekondi.

1.3.5 Rigward il-wires tal-pjazza, l-infrastrutura hija lesta u qed jistennew li jgħaddu l-cables minn taħt l-art, peress li ma kellhomx cables disponibbli, biex eventwalment ikunu jistgħu jikkomunikaw id-dawl mar-residenzi u l-postijiet. Is-segretarja eżekuttiva ġibdet l-attenzjoni rigward iż-*zebra crossing* ta' Sannat Road, fejn hemm bozza mkissra biex tiġi mibdula. Hija qalet ukoll li hemm istruzzjonijiet biex isir iż-*zebra crossing* fil-pjazza skont il-permessi maħruġa, u nfurmata li naturalment se jsir wara l-festa, kif ukoll jitwaħħlu s-sinjali tat-traffiku.

1.3.6 Il-Ministeru t'Għawdex informa lill-kunsill, li għandhom tabelli li jaħdmu b'teknoloġija ġdida u jimmarkaw kemm hemm *parking spaces* disponibbli fil-pjazza Santa Margerita. Is-Sindku qal li dawn huma offruti mill-ministeru għal Għawdex u jistgħu jitwaħħlu, waħda fid-daħla ta' Sannat, waħda fit-triq 28 t'April u oħra jekk hu possibli x'ħin tkun nieżel għal pjazza, jiġifieri fi Triq Dun Xand Aquilina. Minn naħa tad-dipartimet ta' IT fi ħdan il-ministeru għal Għawdex, se jkellmu b'mod dirett lis-segretarja eżekuttiva. Il-viċi Sindku wera video lill-kunsilieri rigward abbuż fis-sewqan fejn ir-residenza privata tiegħu, fejn sewwieq baqa' tiela fuq il-bankina u laqgħat l-arblu tal-mera. Is-segretarja eżekuttiva talbet lill-viċi Sindku biex jara ikunx jista jara n-*number plate* ta' din il-vettura , biex eventwalment jiġi identifikat is-sewwieq u jingħata ċitazzjoni mill-*community policeman* minħabba sewqan eċċessiv.

1.3.7 Rigward il-proġett ta' Pjazza Santa Margerita, jonqos ukoll li jsiru t-turġien tal-ġnub taz-zuntier, iż-żewg naħat. Is-segretarja eżekuttiva staqsiet fuq ir-*railing* taz-zuntier, bis-Sindku spjega li hemm ftit diffikultà minħabba li l-perit tal-kuntrattur ma jixtieqx li jtaqqab il-ġebel taz-zuntier għax tista ssir il-ħsara u konsegwentement taqa' l-garanzija. Minn naħa tiegħu, il-perit issuġerixxa li jittaqqab ġo l-art, imma l-art hija skedata u ma jistax isiru toqob. Għalhekk, jista' jkun hemm kommunikazzjoni ma' l-awtorita' ta' l-ippjanar jew SCH minn naħa tal-perit, fuq din il-possibiltà. Is-segretarja eżekuttiva saħqet li għandhom ikellmu lill-arċipriet biex javża lill-parruċċani waqt il-quddies, biex jużaw ir-rampa tal-ġenb tal-knisja, minħabba li r-railing tat-turġien mhux imwaħħal.

1.3.8 Il-viċi Sindku Cassar qal, li avviċinawh numru ta' anzjani li jixtiequ li jitwaħħlu xi bankijiet oħra fil-pjazza, dan għal-fatt illi l-bankijiet mhumiex fejn xulxin u għalhekk xi anzjani ikollhom joqogħdu bilwieqfa waqt li jkunu qaqoċċa jitkellmu ma xulxin. Is-Sindku kkonferma ukoll, li anki lilu kellmuh xi anzjani fuq din it-talba, u fil-fatt qal li hemm bankijiet disponibbli li jistgħu jitwaħħlu. Xi persuni semmew ukoll, li qabel fil-pjazza, kien hemm bank fejn il-każin Laburista li issa mgħadux hemm. Pero', is-Sindku kkonferma, li fil-pjazza il-bankijiet żdiedu minn kemm kien hemm qabel u semma wkoll il-fatt, li d-disinn tal-pjazza inbidel. Qabel il-bankijiet kienu mwaħħlin fit-triq, iżda llum ma jistgħux jitwaħħlu fit-triq imma biss fuq il-bankina. Semma wkoll, li f'dawn il-ġranet inqala bank minnhom biex ikun jista jintrama l-armar tal-festa, kif ukoll wieħed irid isemmi li fil-pjazza hemm il-fuq minn

mitejn (200) main hole li għaddejin is-servizzi u ma jistgħux ikunu imblukkati. Is-Sindku rrimarka wkoll, li probabilment dawn l-anzjani iridu bank ieħor f'dak il-post imsemmi minħabba d-dell u anki biex ikollhom viżibilità sħiħa tal-pjazza kollha. Fil-fatt, fil-pjazza hemm iktar bankijiet li wieħed jista jpoġġi fuqhom u jkun hemm id-dell. Dan ma jfissirx illi ma jitwaħħlux aktar bankijiet, imma wieħed irid jiftakar li d-disinn tal-pjazza ġie konfermat wara diskussjoni wiesa mar-residenti Sannatin, u waħda mir-rakkomandazzjonijiet kienet li jiżdiedu l-bankijiet, kif fil-fatt ġara.

1.3.9 Is-segretarja eżekuttiva qalet li l-kunsill qed jistenna mingħand il-perit tal-kuntrattur il-varjazzjoni mill-istima oriġinali, liema talba tmur lura minn Awwissu li għadda. Il-*project manager* bagħat diversi emejl biex isiru laqgħat fuq dawn il-varjazzjonijiet. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li qabel ma jkollhom l-ammonti reali ta' l-ispejjeż bil-varjazzjonijiet b'kollox, il-kunsill irid joqgħod ferm attent biex ma jiżdidux spejjeż addizzjonali u anki jekk se jkun hemm bzonn li jintalbu permessi mingħand l-awtorità ta' l-ippjanar jekk ikun il-bzonn. Fil-fatt, is-segretarja eżekuttiva semmiet, li fil-jiem li ġejjin se jkollha laqgħa annwali flimkien ma' l-*accountant* mad-diretturi tad-DLG rigward il-finanzi tal-kunsill fejn diga' ssemma li fil-passat ma nżammux ċertu parametri fejn jidħlu finanzi u li hi mportanti li ma nmorrux *over-budget* mill-ammont approvat u stipulat.

1.3.10 Proġetti kurrenti li bħalissa għaddejjin minn naħa tal-kunsill jinkludu, xogħlijiet fi Triq Paranji, li jinkludu xogħlijiet marbuta mas-servizzi, fejn illum stess ikunu tlestew u jkun jista' jibda t-tnaddif mil-kuntrattur li ħa t-*tender* marbuta mas-servizzi. Eventwalment imbagħad, il-kuntrattur l-ieħor li ħa t-*tender* ta' l-asfaltar tat-triq ikun jista jibda x-xogħlijiet konċernati. Is-Sindku qal, li ser isir laqgħa ma' dan il-kuntrattur biex ikunu jistgħu jibdew ix-xogħlijiet, l-ewwel it-tqaxxir tat-triq, isir il-*concrete gutter*, jagħmel it-takod u jsir l-ewwel kisja. Is-Sindku semma li imbagħad irid jibda x-xogħlijiet rigward il-main holes biex imbagħad tingħata l-kisja finali. Il-kunsillier Bajada saqsa, jekk hux se jitnaddaf il-parti ta' triq imsemmija fejn hemm ammont ta' skart ta' kostruzzjoni. Is-Sindku wieġeb, li dik il-parti msemmija mhix koperta f'dan it-*tender*, għal-fatt li meta kien hemm id-diskussjoni mal-ministeru t'Għawdex fuq din it-triq, kien hemm parti minnha fejn qed isemmi l-kunsillier Bajada li kienet għadha ma nfetħitx, u anki kien hemm xi kwistjonijiet ma' terzi persuni fuq propjeta privata. Il-ministeru t'Għawdex laħaq għamel ftehim mal-kunsill biex jingħataw il-fondi biex isir it-triq sa' fejn ma kienx magħqud ma' Triq Bebunaq, sa dak iż-żmien li kien sar il-ftehim. Is-Sindku semma, li meta l-kunsill jirċievi lmenti rigward skart ta' kostruzzjoni, l-kunsill dejjem jirraporta lil awtorità tal-BCA, liema awtorità tieħu ħsieb dawn l-ilmenti konċernati, u anki mar ukoll il-pulizija tal-kommunità f'din iż-żona msemmija, fejn kellem lill-ħaddiema li kienu jaħdmu f'dawn il-postijiet biex ikunu responsabbli u jżommu l-indafa. Is-Sindku kompla, li preżentement din iż-żona hija sit ta' kostruzzjoni, u għalhekk bħala kunsill ma jistewx jidħlu f' dawn iż-żoni u l-anqas hu fil-kompitu tal-kunsill f'dan ir-rigward.

1.3.11 Għaddejjin ix-xogħlijiet ukoll fuq Triq Xamgħan u fuq Triq Lazzru Camilleri, fejn bħalissa għaddejjin ix-xogħlijiet biex jgħaddu s-servizzi neċessarji. Is-Sindku semma, li l-korporazzjoni ta' l-ilma f'dawn l-aħħar żmien biddlu s-sistema ta' kif jgħaddu s-servizzi taħt l-art, billi qed jagħmlu żewġ *mains*, wieħed kull naħa tat-triq, minflok *main* wieħed fin-nofs. Dan għal-fatt li jekk ikun hemm xi ħsara, ikunu jistgħu isiru x-xogħlijiet meħtieġa u jkunu jistgħu isiru it-tiswijiet b'inqas inkonvenjent u spejjeż. Is-Sindku rrimarka, li preċedentement f'toroq oħra, l-*patching* ma kienx qed isir skont il-linji gwida maħruġa minn Transport Malta u kien qed jirriżulta f'ħofor jew dislivell fit-triq, li jkun ta' inkonvenjent għas-sewwieqa. Dan għall-fatt li kienu qed jużaw *cold asfalt* minflok *road*

*hold asfalt* , u trinka kienet qed timtela minn materjal li jkun tqatta mit-trinka stess u mhux minn materjal ġdid u jkun *compacted* biex ma tinżilx. Il-viċi Sindku semma fuq tqattigħ fl-art fi Triq Ta' Ċenċ, bis-Sindku jwieġeb li meta saret it-triq, il-korporazzjoni ta' l-ilma ma riditx tbiddel il-*main* tad-dranaġġ, avolja l-kunsill kien ta parir biex din is-sistema tinbidel, kif qed jirriżulta illum il-ġurnata li qed ikun hemm ħsarat u anki qed jidħol f'xi residenzi privati. Il-kunsill qed jagħmel kundizzjoni, li fejn qed ikissru iridu jaqtgħu minn *curb* sa *curb* tat-triq, jitqaxxar u jitnaddaf biex eventwalment jingħata l-*base course* u *wearing course* kif suppost. Il-korporazzjoni ta' l-ilma qed tgħid li se joħorġu tender apposta, però, il-kunsill preżentement għandu *tender* miftuħ li jistgħu jużaw lilha, bis-Sindku għandu suspett li għad baqalhom x'jaqilgħu. Is-segretarja eżekuttiva semmiet, li x-xogħlijiet li kien propost ma kienux ħa jieħdu iktar minn ġurnata skont il-korporazzjoni ta' l-ilma, però dawn ix-xogħlijiet ma tlestewx u tkomplew mingħajr il-permessi meħtieġa biex tingħalaq it-triq. Is-segretarja eżekuttiva qalet lill-kunsilliera biex fejn jaraw toroq magħluqin jiċċekjaw jekk hemmx permessi mitluba u approvati, dan anki għall-fatt biex ma jinħoloqx inkonvenjent għat-traffiku u inkonvenjenza lir-residenti. Is-Sindku qal li l-kunsill joqgħod ħafna attent meta jiġu approvati permessi, biex kemm jista' jkun ma jinħoloqx inkonvenjent żejjed. Is-segretarja eżekuttiva semmiet ukoll il-fatt li *community policeman* ma jkunx dejjem xogħol, u għalhekk iridu joqogħdu ferm attenti u jekk jaraw xi abbuż jew m'hemmx permessi meħtieġa iċemplu lill-kunsill u tkun tista tintbagħat imejl ill-BCA. Is-Sindku qal, li l-uniku arma li għandu l-kunsill huwa li jirraporta dan l-abbuż, għax il-kunsill mgħandux l-awtorità li joħroġ ċitazzjonijiet.

1.3.12 Il-viċi Sindku staqsa lis-segretarja eżekuttiva biex tagħmel *whatsapp group* mal-kunsilliera biex ikunu jist gujitfew ritratti u jikkomunikaw ma xulxin iktar faċilment. Is-Sindku kkonferma li se jinfetaħ illum stess.

1.3.13 Is-Sindku qal li għaddejjin ix-xogħlijiet fi Triq Xamgħan u Triq Dun Lazzru Camilleri, fejn din it-triq, Dun Lazzru Camilleri, għaddew is-servizzi taħt l-art, però il-kuntrattur ma jistax jibda jagħti t-*tarmac*, peress li baqa' xi xogħlijiet li għad baqa' jsiru malli jikser lejn Triq Xamgħan.

1.3.14 Rigward il-proġett ta' pjazzetta Cocco Palmieri, is-Sindku tenna li x-xogħlijiet ma setgħux jibdew minħabba li kienu għaddejjin ix-xogħlijiet fuq il-riġenerazzjoni ta' Pjazza Santa Margerita, u naturalment kien se jinħoloq inkonvenjent ikbar u anki għall-fatt li bħalissa għaddejjin ix-xogħlijiet fuq Triq Xamgħan u Triq Din Lazzru Camilleri. Is-Sindku kkonferma, li l-kunsill għandu l-fondi mitluba, huma disponibbli u approvati. Il-kunsill, issa jrid jaħdem biex jakkwista fondi biex ikun jista' jsir is-*service culvert*, liema *tender* diġa nħareġ u ġie aġġudikat. Is-Sindku qal li qed jiċċekja mad-dipartimenti konċernati, jekk il-kunsill jistax japplika għal fondi tad-DPF u jsir 'addendum' mal-kuntratt li diġa għandu approvati l-kunsill u jistax jinkisbu fondi addizzjonali biex ikun jista' jsir *is-service culvert*. Skont l-informazzjoni li għandu s-Sindku, fondi tad-DPF ġeneralment ma jingħatawx għal xogħlijiet taħt l-art, però, s-Sindku huwa kunfidenti li dawn ix-xogħlijiet imsemmija xorta huma viżibbli u apparti minn hekk għal fini estetika, il-pjazzetta se tidher isbaħ peress li se jkunu eleminati *aerial cables* barra li huma ta' periklu għar-residenti f'każ ta' nar. Fuq dan il-punt, is-Sindku f'isem il-kunsill qed ikellem personalment lill-Ministru Clint Camilleri, li minn naħa tiegħu fehem din il-ġustifikazzjoni. Il-kunsilliera Cassar staqsiet jekk il-pjanti tad-disinni marbuta ma' dan il-proġett humiex lesti diġa'. Is-Sindku kkonferma li l-pjanti huma lesti mill-perit Edward Scerri u t-*tender* diġa ġie ppublikat. Rigward il-bankini se jkun użat porfido aħmar, f'kull kantuniera (8 ponot) se titħawwel siġra tal-'Jacaranda' u se jitwaħħal fanal. Se jkun hemm bankijiet mwaħħlin fuq il-bankina u l-funtana preżenti hemm il-ħsieb li titfannad l-isfel u tiġi bħala reservoir ta' l-ilma, fejn fuqha se jkun hemm ġardina bil-fjuri biex kemm

jista’ jkun iżidu spazji ħodor fir-raħal. Il-viċi Sindku saqsa fuq l-istatwa ta’ Vinċenzo Caruana, bis-Sindku kkonferma li din se tibqa’ hemmhekk. Il-kunsilliera Cassar resqet il-proposta li darba f’xahar ikun hemm *crafts market* f’din il-pjazzetta, fejn ikun hemm *stalls* ibiegħu affarijiet tal-*crafts* u jkunu qed jagħtu opportunità lil ħafna artisti. Is-Sindku qal li din hija proposta tajba u d-disinn tal-pjazzetta mhux se jaffetwa din l-ideja ta’ *Crafts Market*. Il-kunsilliera Cassar ipproponiet li forsi jistgħu isiru xi bankijiet fuq il-ġardina proposta, però is-Sindku qal li dan jiddependi jekk *Transport Malta* jagħtux din l-approvazzjoni, peress li hija *roundabout*.

1.3.15 Bħalissa wkoll għaddej il-proġett tar-restawr tal-kalkara tal-Ġir minn fondi miksuba mill-LESA. Il-kuntrattur kien beda x-xogħlijiet, però, preżentement ix-xogħol huwa wieqaf. Is-Sindku qal, li mportanti li l-proġett jitkompla u jitlesta. Dan għall-fatt ukoll li l-LESA tobbliga lill-kunsilli biex ilestu l-proġetti pendenti mill-fondi maħruġa mill-LESA qabel mal-kunsill ikun jista’ japplika għal fondi oħrajn.

1.3.16 Il-kunsill, fil-leġislatura ta’ qabel kien applika għal skema msemmija ‘lokalità aktar sigura’ fejn ġew akkwistati fondi ( madwar €11,000) biex jitwaħħlu kameras tas-sigurta madwar ir-raħal. It-tender kien ħareġ, però sfortunatament it-tender waqa’ peress li l-*bidder* ma kienx *technical compliant*. Għalhekk, bħalissa għaddejjin il-preparamenti biex dan it-*tender* jerġa joħroġ minn naħa ta’ l-inġinier, kif kien approvat fil-leġislatura l-oħra u se jkun enfasiżat li r-*resolution* tal-kameras ikun ċari ħalli jekk ikun hemm bżonn, ikunu jistgħu jagħrfu persuni jew jinqraw *number plates*. Is-Sindku qal, li dawn il-kameras iridu jkunu jaħdmu b’sistema solari biex ma jidħlux fi spejjeż ta’ *meters* tad-dawl jew obbligazzjoniet ma’ residenti biex ikunu jistgħu jaħdmu dawn il-kameras. Il-kunsilliera fil-leġislatura ta’ qabel kienu ddeċidew li dawn il-kameras għandhom jitwaħħlu fid-daħliet tar-raħal, imbagħad jaraw skond il-*budget* jekk ikunx hemm fondi biżżejjed biex jinxtraw oħrajn. Il-kunsillier Bajada semma l-possibiltà li jkun hemm kameras fil-pjazza, fejn anzjani u anki emigranti ikunu jistgħu jaraw mid-djar tagħhom l-attivitajiet li jkun hemm fil-pjazza speċjalment dawk marbuta mal-festa ta’ Santa Margerita. Is-Sindku qal, li fil-pjazza hemm l-infrastruttura lesta biex jistgħu isiru dawn il-kameras.

1.3.17 Proġett ieħor li għaddej bħalissa, huwa marbut mal-konnettività tal-ġibjun il-ġdid li qiegħed fejn id-daħla ta’ Palozzo Palina mal-ġibjun il-qadim li qieghed fejn it-*tennis courts* tal-lukanda Ta’ Ċenċ, liema xogħolijiet qed isiru fi Triq Skerla minn naħa tal-korporazzjoni ta’ l-ilma. Waqt li kienu għaddejjin ix-xogħlijiet, kien hemm diffikultà peress li kien hemm *leak* fil-katusi, u xħin sabu dak il- *leak* irriżulta li l-*pressure* baqet taqa’, li jfisser li hemm xi *leak* ieħor. Is-Sindku qal, li preżentement mgħandux informazzjoni dwar kif zvolġew l-affarijiet. Is-Sindku għamilha ċara mal-kuntrattur, li jekk dawn ix-xogħlijiet mhux se jitkomplew għalissa, irid jitneħħa kull forma ta’ periklu. Dan jinkludi li l-gandott irid jintradam biex jitneħħa kull forma ta’ periklu, u meta jsibu l- *leak*, jistgħu jkomplu x-xogħlijiet. Is-Sindku semma ukoll, li l-kunsill irċieva lmenti mingħand is-sidien tal-lukanda Ta’ Ċenċ rigward il-ħsejjes marbuta max-xogħlijiet ta' l-iskavar f’dan l-istaġun tas-sajf, liema lment kien ġustifikabbli. Però, skont l-iskeda tar-restrizzjonijiet tax-xogħlijiet fil-jiem tas-Sajf, mhemmx imniżżel li ma jistax isir xogħlijiet fl-inħawi tal-lukanda Ta’ Ċenċ, u l-uniku restrizzjonijiet fir-raħal ta’ Sannat, huma xogħlijiet fi Triq il-Kbira. Is-Sindku kellem lill-GTA rigward din l-*issue*, fejn huma bagħtu imejl, però ma ġietx għal-attenzjoni tas-Sindku u s-segretarja eżekuttiva kienet għadha ma’ bdietx l-irwol tagħha. Il-kunsill dejjem kien tal-fehma li jkun hemm *summer break* mill-iskavar u twaqqiħ ta’ postijiet, liema proposta kien ipproponiha l-kunsillier Stephen Tewma fil-leġislatura l-oħra. Il-kunsill kien iltaqa’ mar-rappreżentanti tal-MTA u l-GDA fuq dawn il-proposti. Is-segretarja eżekuttiva qalet li l-lista ta’ postijiet fejn ma jistax isir skavar u twaqqigħ ta’ bini toħroġ minn naħa tal-MTA u l-

awtorità ta' l-ippjanar, u din is-sena fir-raħal ta' Sannat hemm biss Triq il-Kbira. Għas-sena dieħla, wara inizjattiva tas-Sindku, se tintbagħat imejl, fejn qed jitolbu li mal-lista żgur trid tiżdied il-pjazza Santa Margerita. Il-kunsilliera qablu, li s-segretarja eżekuttiva iġġib il-lista ta' B&B reġistrati fir-raħal ta' Sannat biex ikunu jistgħu jiddeċiedu fejn jistgħu iżidu fil-lista proposta biex ma jsirx skavar u twaqqigħ ta' postijiet fis-Sajf.

1.3.18 Il-kunsilliera Cassar staqsiet rigward l-aċċess tat-trakkijiet minn pjazza Santa Margerita. Is-Sindku qal li s'issa, *Transport Malta* għadhom m'approvax biex dawn il-vetturi l-kbar ma jgħaddux mill-pjazza u personalment stqarr li hija daqxejn diffiċli. S'issa, għad hemm it-tabelli mwaħħla li jindikaw li ma jistgħux jgħaddu trakkijiet. Is-Sindku qal, li fuq żvilupp u xogħlijiet fil-pjazza, il-kunsill se jkun viġilanti u joqogħdu b'seba' mitt għajn, biex ma jkunx hemm lok ta' abbuż u negligenza. Kull tip ta' ħsarat li jista jkun hemm, irid jitħallas mill-individwi konċernati. IL-kunsilliera Cassar saħqet, li trid titranġa t-triq ta' fejn iċ-ċimiterju qrib il-JCR, biex ikunu jistgħu jgħaddu t-trakkijiet minn hemm. Il-kunsillier Bajada staqsa taħt min taqa' r-responsabiltà ta' dik it-triq, bis-Sindku jwieġeb, li dik il-triq hija taħt ir-responsabiltà tal-kunsill tax-Xewkija. Is-Sindku kkonferma, li din it-triq se titranġa u jsir minn naħa tal-ministeru għal Għawdex wara diskussjonijiet li saru.

1.3.19 Il-viċi Sindku semma li hemm xi *leak* ta' l-ilma minn naħa ta' barra tal-bankina, fi Triq Vincenzo Caruana Spiteri, eżattament fejn id-dar bl-isem ' 'St John'. Is-Sindku qal, li dan il-leakage huwa rrapurtat lill-korporazzjoni ta' l-ilma. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li huwa mportanti li meta jkun hemm dawn it-tip ta' lmenti, jistaqsu lill-individwi jekk huma personalment irrapurtawx jew le lill-entitajiet/awtoritajiet konċernati, għax fl-aħħar mill-aħħar din hija responsabiltà ta' kull ċittadin. Is-Sindku qal, li fis-sajf ikun hemm ħafna *leakeages* peress li bis-sħana, il-pajpijiet imorru aktar malajr, speċjalment bil-*vibration* tal-vetturi li jgħaddu mit-toroq.

1.3.20 Il-kunsilliera Cassar staqsiet fuq *traffic management*, bis-Sindku jwieġeb li fil-leġislatura ta' qabel, il-kunsill diġa beda jiddiskuti fuq dan. Fil-fatt, il-kunsill kien iddeċieda li t-traffiku jitla' minn Triq ta' Ċenċ u jinżel minn Triq Dun Xand Aquilina. Is-Sindku kkonferma li hemm problema tat-traffiku fi Triq Marsilja biex wieħed idur għal Triq Xabbata. Il-kunsill preċedenti kien qed jikkunsidra li jsir forma ta' *ring road*, fejn it-traffiku jitla minn Triq Ta' Ċenċ, jgħaddi għal Triq Marsilja u tiġi minn Triq Xabbata għal Pjazza tax-Xelina. Il-kunsilliera Cassar rrimarkat, li ċertu nies qed jilmentaw fuq l-aħħar biċċa tat-Triq Ta' Ċenċ, li preżentament qiegħda *two-way* għat-traffiku. Hija ssuġeriet li forsi jitneħħew xi *parkings*. però, is-Sindku qal, li bħala kunsill din ġiet diskussa fil-leġislatura l-oħra, fejn il-kunsilliera urew ix-xewqa li ma jitneħħewx parkeġġi, għal-fatt, li l-*parking* huwa problema diġa minnu nnifsu. Apparti minn hekk, il-kunsill kien iddiskuta wkoll, li x-xarabank tat-trasport pubbliku titla minn Triq ta' Ċenċ, idur minn Triq Dun Luqa, tgħaddi għal Triq it-Tempju ta' Imramma u tiżbokka minn Triq Bebunaq. Minn hemmhekk, it-transport pubbliku jkompli jgħaddi għal Triq it-Tilliera, lejn Triq it-Tin u tinżel lejn Triq Seguna għall-pjazzetta tax-Xelina u tibqa sejra lejn Triq il-Kbira. IL-kunsilliera qablu ma' din il-proposta, bil-kunsillier Bajada isemmi li f'dan il-każ, jrid isir it-tarmak f'dik il-biċċa li baqa fi Triq l-Imramma li tagħti għal Triq Bebunaq. Apparti minn hekk, il-kunsill qed jipproponi li x-xarabank tidħol mit-Triq 28 ta' April, tgħaddi għall-pjazzetta Cocco Palmieri u toħroġ għal ġol-pjazza Santa Margerita. Hekk ukoll, ir-residenti ta' dawk l-inħawi ikunu jistgħu jirkbu x-xarabank minn pjazzeta Cocco Palmieri u ma jkollomx għalfejn joħorġu fil-pjazza Santa Margerita. Dawn huma biss suġġerimenti minn naħa tal-kunsill, f'dawn il-każijiet Transport Malta trid tieħu d-deċizjonijiet meħtieġa u tara jekk ikunux approvati jew le. Is-Sindku semma, li l-proposta

li t-traffiku jitla minn Triq Ta Ċenċ u jinżel minn triq Dun Xand Aquilina, kienet ilha mressqa għal numru ta' snin, fil-fatt kienet issuġġerieta il-kunsilliera Galea fl-2011. Fuq *traffic management*, il-perit irid jieħu l-qisien tat-triq etċ u jsir is-survey, u jagħmel il-vleġeġ kif se jimxi t-traffiku. Din il-pjanta, imbagħad titressaq fil-laqgħa tal-kunsill biex jaqblu jekk il-pjanta hijiex skond is-suġġerimenti li għamlu il-kunsilliera, biex imbagħad tintbagħat lil *Transport Malta* għall-approvazzjoni jew le. Ovvjament, f'dawn il-każijiet, se jkun hemm residenti li jkunu tal-fehma differenti. L-għan huwa li t-traffiku ikun mexxej, bid-diffikultà tkun f'każijiet li jkun hemm xi permess ta' kostruzzjoni u tkun trid tingħalaq it-triq. F'dawn iċ-ċirkustanzi, irid ikun hemm l-uffiċjali ta' Transport Malta li jmexxu t-traffiku. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li qed tenfasizza li jkun hemm uffiċjal tat-trasport preżenti fejn ikun hemm permessi mitluba, biex ma jkunx hemm konġestjoni tat-traffiku u kulħadd jerfa r-responsabiltà tiegħu. Il-kunsilliera qablu li speċjalment għall-anzjani li ma jkollhomx aċċess għal pjattaforma ta' komunikazzjoni tal-kunsill, biex il-kunsill isib mezz ta' komunikazzjoni biex iwassal il-messaġġ meħtieġ lil dawn il-persuni wkoll. Rigward il-*middle part* ta' Triq ta' Ċenċ, is-segretarja eżekuttiva ssuġġeriet li jsir tabella tal-*give- way sig'* li titwaħħal fejn hemm dawk iż-żewġ gallariji, għax din tista' tgħin ħafna fil-flow tat-traffiku. Il-kunsill se jitlob lill-*Transport Malta* li bħalissa l-kunsill qed jaħdem fuq *traffic management*, u din it-tabella li hija proposta li titwaħħal hija biss temporanja. Is-Sindku semma wkoll rigward ix-xarabanks, li xħin dawn jitilew minn pjazzetta tax-Xelina ma jiksrux ma' l-l-ewwel triq fuq il-lemin, imma mit-tieni waħda, jiġifieri minn Triq il-Pinnur, biex imbagħad titla' għal Triq Seguna. Is-Sindku rrimarka li dawn kienu suġġerimenti li qablu fuqhom fil-leġislatura ta' qabel. Il-kunsilliera qablu unanimament, li dan it-*traffic management* propost, huwa essenzjali peress li żdied ħafna t-traffiku u l-popolazzjoni kibret.

1.3.21 Il-kunsilliera Galea semmiet ukoll il-proġett marbut mal-*playing field* ta' Triq Marziena, fejn il-kunsill ġab l-approvazzjoni tal-fondi biex jinbidlu l-*playing equipment* f'dan il-post u anki ħareġ it-*tende*r relatat m'a dan il-proġett li ġie aġġudikat. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li l-fondi huma marbuta ma' sett ta' kundizzjonijiet li jridu jiġu irrispettati, fosthom li titwaħħal tabella li se jkun hemm ix-xogħlijiet fil-*playing field*, liema tabella diġa twaħħlet. Apparti minn hekk, irid ikun hemm kollox *up to standard* skond il-liġijiet Ewropej, u l-*Standards Authority* mhux se jiċċekjaw biss il-*playing equiment*, imma l-*playing field* kollha nkluż id-dawl, li fil-fatt diġa' ġie mqabbad inġinier biex jagħmel rapport fuq id-dawl artifiċjali, fejn irriżulta li mhumiex skond l-i*standards* rikjesti. Ghalhekk, is-segretarja eżekuttiva talbet kwotazzjoni biex ikun jista' jinbidel id-dawl, liema kwotazzjoni ma kinitx fil-BOQ oriġinali u għalhekk il-kunsill irid iħallas dawn l-ispejjeż. Il-kundizzjonijiet mitluba iridu jiġu rispettati għax inkella l-kunsill ikun fir-riskju li jitlef il-fondi jew parti minnhom. Kull proġett fih ċertu kundizzjonijiet li l-kunsill huwa marbut magħhom, għalhekk wieħed irid joqgħod attent meta jissuġerixxu li jsiru varjazzjoni, għax dawn ikunu spejjeż addizzjonali fuq il-kunsill. Il-viċi Sindku staqsa x'faċilitajiet se jkun hemm fil-proġett, speċjalmet rigward *free wi-fi*, bis-segretarja eżekuttiva twieġeb li dejjem kien hemm dan is-servizz, kif fil-fatt se jerġa jkun hemm. Il-viċi Sindku ssuġerixxa wkoll li s-siġar tal-*playing field* jiġu miżburin, bis-segretarja eżekuttiva qalet li dawn jiġi miżbura peress li hemm tender apposta. Huwa semma wkoll, li hemm xi siġar eżattament fi Triq Marsilja li wkoll għandhom bżonn jinżabru. Is-Sindku wieġeb, li fuq kull proġett għandu t-*tender* speċifiku tiegħu. Rigward is-siġar ta' mat-triq fejn hemm l-iskola, is-Sindku qal li l-kunsill għandu arranġament mal-ħaddiema ta' l-edukazzjoni, biex il-kunsill jipprovdi ic-*cherry picker*, u l-edukazzjoni jkollu l-ħaddiema minn naħa tiegħu biex jinżabru s-siġar li qiegħdin mħawwlin ġo l-iskola. Dan l- arranġament mal-ħaddiema ta' l-edukazzjoni ikopri wkoll li jiżbru s-siġar fejn hemm l-iskola l-qadima u s-siġar fi Triq Marsilja. Is-Sindku kompla billi qal, li jekk ikun hemm xi siġar oħra li għandhom bżonn jinżabru, dawn isiru wkoll. Il-kunsilliera Cassar semmiet fuq is-siġra tal-ħarruba fi hemm Triq il-Kbira qabel taqbad il-Munxar. Is-Sindku

qal, li din is-siġra taqa' taħt il-permessi mitluba lill-ERA u għalhekk hija każ differenti. Il-viċi Sindku reġa semma s-siġar li hemm quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq Marsilja, u jekk jistgħux jinżabru qabel il-jiem tal-festa u s-segretarja eżekuttiva talbitu biex jibgħat ritratti biex tikkonferma.

1.3.22 Fuq it-tisqija, is-segretarja eżekuttiva spjegat li kull siġra li hemm fir-raħal jiġu msaqqijin darbtejn fil-ġimgħa nkluż ukoll li jtellgħu l bowsers bl-ilma fil-ġnien tal-Bidwi skond l *agreements* li hemm attivi. Però, is-siġar li hemm quddiem ir-residenza tal-viċi Sindku, billi qegħdin fi triq għan-niżla, kien hemm ilment mingħand persuna li l-ilma qed imur lejn ir-residenza tagħha, fejn din użat il-meżi kollha biex ma jibqgħux jissaqqew dawn is-siġar, bil-kundizzjoni li isaqqi dawn is-siġar din il-persuna partikulari. Il-viċi Sindku qal, li dawn mhumiex qed jissaqqew, u għalhekk il-kunsill iddeċieda li jerġgħu jibdew jissaqew minn naħa tal-kuntrattur tal-Kunsill.

1.3.23 Is-Sindku qal li fil-leġislatura l-oħra, il-kunsill kien applika għalfondi relatati ma' l-attivitajiet tal-Milied, liema fondi ġew approvati. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li dawn il-fondi mhumiex marbutin ma' *event* waħda, iżda fuq tliet *events* li se jiġu mtella mill-kunsill f'dawn iż-żminijiet.

1.3.24 Rigward il-*Beer Festival*, is-Sindku qal li bħas sena l-oħra, il-kunsill qed jerġa jaħseb biex jerġa jiġi organiżżat, eżattament fl-24 ta' Awwissu, fejn aktar dettalji se joħorġu fil-jiem li ġejjin. Il-kunsilliera Cassar staqsiet rigward l-*entertainment* li se jkun hemm f'dan il-*festival*, bis-Sindku jwieġeb li għadhom qed jaħdmu fuqhom. Is-Sindku saħaq, li bħala kunsill dejjem jippruvaw jissaportjaw kull għaqda li hemm fir-raħal. Kull għaqda tingħata is-somma ta' €500 tal-ghajnuna tagħhom fl-organizazzjoni ta' dan l-*event*, biex imbagħad jaħdmu ma' xulxin f'għaqda waħda biex tittella din l-attività. Wara li jitħallsu l-ispejjeż kollha, il-profit li jkun baqa' jitqassam bejn l-għaqdiet kollha. Is-Sindku rrimarka wkoll li meta tiġi l-festa, il-kunsill ikun l-ewwel li jagħti l-għajnuna finanzjarja lil dawn l-għaqdiet, fosthom l-attività tas-Sibt li ġej - Festa Tfal, fejn il-kunsill sponsorja din l-attività. Is-Sindku qal li dawn l-għajnuniet li jingħataw mill-kunsill lil dawn l-għaqdiet, huwa mportanti, imma qed jeżiġi li jkunu rikonoxxuti u anki jkunu msemmija fuq il-mezzi soċjali. Jekk jinħareġ xi poster fuq dawn l-attivitajiet, huwa mportanti li jintbagħtu l-ewwel lill-kunsill għall-approvazzjoni qabel ikun jista joħroġ. Is-segretarja eżekuttiva qalet li dawn l-għaqdiet fosthom tan-nar, żgħażagħ, kumitat tal-banda, armar għamlu talbiet lill-kunsill fil-leġislatura l-oħra, fejn dawn ġew approvati mill-kunsilliera skont it-talbiet tagħhom u *within budget.* Semmiet li l-*feature* tal-marċ tal-Ħamis mtella miż-żagħżagħ ġie sponsorjat kollu mill-kunsill, ta' l-armar talbu għajnuna biex jinxtraw xi bozoz, l-għaqda tan-nar talbu għajnuna finanzjarja biex tittella x-xow tan-nar *Shades of Flame*, il-kumitat tal-banda talbu lill-kunsill biex jkun ta' għajnuna għar-riċeviment li jagħmlu, kif ukoll il-knisja talbu għajnuna finanzjarja biex tittella Festa Tfal u l-*entertainment* ta' l-ikla tal-festa.

1.3.25 Rigward it-tiġrijiet taż-żwiemel, il-kunsill jieħu ħsieb l-organizazzjoni tagħhom, fejn stqarr li din l-organizazzjoni tinvolvi ħafna xogħol u wġiegħ ta' ras. Is-Sindku semma, li dawn it-tiġrijiet jistgħu jittellgħu bl-għajnuna ta' ċertu nies fosthom Shannon Pisani, Mario Attard, Franco Azzopardi u ħafna aktar nies. Din is-sena, se jkun hemm aktar xogħol peress li trid titgħatta parti mil-pjazza fejn hemm il-pavimentar permezz ta' *turf* artifiċjali li għadu kemm inxtara. Ta' min isemmi wkoll, li dan huwa mportanti għas-saħħa taż-żwiemel infushom biex ma jkunx hemm inċidenti, peress li l-pavimentar ikun jiżloq. Se jkun hemm ukoll il-balal tat-tiben biex jipproteġi s-salib. Sar ukoll *risk assessment*, li jridu jimxu miegħu kif

ukoll jitqabbad *health and safety officer*. Il-viċi Sindku staqsa kemm hija l-għajnuna minn naħa tal-ministeru għal Għawdex, bis-segretarja eżekuttiva tikkonferma li l-Ministeru t'Għawdex approva s-somma ta' tletin elf ewro (€30,000) bid-differenza li baqa' ta' madwar €14,000 suppost tiġi koperta mid-dħul tal-kitba taż-żwiemel skont kif indikat mis-Sindku però mhix involuta diretta f'dan il proġett għax qed jiehu hsiebu is Sindku. Is-Sindku rringrazzja b'mod personali lill-Ministru Clint Camilleri, għax kieku ma jkunx għal l-interess personali f'dawn it-tradizzjonijiet, żgur li dawn ma jistegħux isiru.

1.3.26 Il-viċi Sindku semma li għandu jsir xi attività marbuta maż-żgħażagħ wara l-jiem tal-festa, fejn issuġerixxa li jagħmlu *boat party*,fejn jistgħu iżuru postijiet ta' interess bħal l-Armier etċ, u jkun hemm mużika għaddeja miż-żagħżagħ stess u ma jkunx hemm aċċess ghall alkoħol. Il-kunsilliera Cassar flimkien mas-segretarja eżekuttiva qalu, li xorta xi żagħżagħ jistgħu iġibu xi alkoħol avolja ma jkunx permess. Għalhekk, is-segretarja eżekuttiva ssuġġeriet li jagħmlu attività fuq l-art b'inqas responsabiltà u jekk Alla ħares qatt jiġri xi inċident, ikun iktar faċli li tiġi l-għajnuna f'inqas żmien milli kieku jkun f'nofs ta' baħar. Hawnhekk, il-viċi Sindku qabel mas-segretarja eżekuttiva, u semma li għal din l-attività maħsuba għaż-żgħażagħ Sannatin jistgħu jagħmlu bbq fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini, fejn ikunu jistgħu jgħumu, jkun hemm ukoll mużika għaddejja u imbagħad jieklu, bl-ikel ikun ippreparat miż-żagħżagħ stess. Is-segretarja eżekuttiva staqsiet xi spejjeż ikun hemm relatati ma' din l-attività msemmija, bil-kunsilliera Cassar tgħid li min jattendi jrid iħallas prezz stipulat. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li la darba se jkun il-kunsill li jieħu r-responsabilità ta din l-attività, iridu jagħmlu *insurance* u jkun hemm il-permessi meħtieġa. Is-Sindku qal, li l-kunsill kien għadda *bylaw* li kull bbq li jsir Mġarr ix-Xini jrid jintalab il-permess, avolja fl-opinjoni tiegħu mhux kulħadd qed jitlob il-permess biex jagħmel bbq f'din il-bajja msemmija. Skont is-segretarja eżekuttiva, dan il-permess jammonta għal-sebgħa (7) ewro, u hawnhekk issuġġeriet li dan il-permess jitla għal ħmistax(15) il-ewro, biex dawn in-nies li jkunu qed jagħmlu bbq ikunu aktar responsabbli u anki l-kunsill jiġbor ammont ta' flus biex ikun jista' jitneħħa inkonvenjent li jistgħu iħallu warajhom jew xi ħsara li tista jsir. Il-kunsilliera Cassar semmiet kif din l-attività għaż-żagħżagħ, jistgħu imorru jieklu għand dak tal-kiosk u jorganizza l-bbq huwa stess u jkun hemm *chill out* music għaddej.

## 1.4 Affarijiet oħra - Dekasteri tal-kunsilliera

1.4.1 Is-Sindku semma d-dekasteri li se jqassam lill-kunsilliera bħala responsabiltàtiegħu;

1.4.2 Il-kunsilliera Marija Cassar se jkollha d-dekasteru għat-turiżmu, l-innovazzjoni, kultura, arti u tassisti s-Sindku fejn jidħol *historical heritage*.

1.4.3 Il-kunsillier Franco Bajada se jkollu d-dekasteru marbuta mad-drittijiet ta' l-annimali, żgħażagħ u t-tfal, flimkien ma' l-immigranti u jassisti s-Sindku fejn jidħol l-għaqdiet li nsibu fir-raħal.

1.4.4 Il-kunsilliera Frances Galea se jkolla d-dekasteru ta' l-edukazzjoni, l-anzjani u l-ġemellaġġi u l-affarijiet barranin.

1.4.5 Il-viċi Sindku se jkollu d-dekasteru ta' l-ambjent, l-indafa pubblika, is-saħħa u se jkun jassisti s-Sindku rigward l-isport.

1.4.6 Id-dekasteru tas-Sindku jinkludu l-proġetti infrastruturali, events, fondi ewropej, historical heritage, l-isport u NGOs.

1.4.7 Is-Sindku huwa kunfidenti li b'dan it-tim se jkollu għan wieħed għall-ġid tal-kommunità, u jridu jaħdmu ma' xulxin u jgħinu lil xulxin avolja ma jkunx taħt id-dekasteru tagħhom, iressqu inizzjattivi, però kif qalet is-segretarja eżekuttiva dejjem fil-parametri tal-*budget* stipulat. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li jekk ikollhom bżonn xi għajnuna fid-dekasteru taħt ir-responsabiltà tagħhom, hi tista' tkun ta' għajnuna, peress li d-*degrees* li għandha jolqtu bażikament d-dekasteri prinċipali u stiednet lill-kunsilliera biex ma jiddejqux jistaqsuha għall-għajnuna, dejjem – kif gibed l attenzjoni is Sindku- fil-parametru tal-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

## 1.5 Komunikazzjoni

1.5.1 Is-segretarja eżekuttiva qalet, li kull korrispondenza qed tintbagħat lill-kunsilliera. Hija ssuġġeriet, għall-mistoqsija tal-kunsilliera Cassar rigward il-korsijiet offruti, li jekk dawn ikunu relatati mal-kunsilliera u x-xogħol tagħhom, jekk jkun possibli jattendu, anki jekk mhux il-kunsilliera kollha. Jista' jkun hemm ftehim bejniethom il-kunsilliera, min se jattendi xi tip ta' kors jew ieħor.

1.5.2 Il-kunsill rċieva korrispondenza mingħand l-arċipriet, rigward pendenzi li għad baqa' jsiru marbuta maz-zuntier. Is-Sindku qal, li l-kuntrattur jaf b'dawn ix-xogħlijiet li baqa' jsiru, però is-segretarja eżekuttiva qalet li l-arċipriet jinsab inkwetat li jista' jkun hemm xi inċidenti speċjalment waqt li jkun hemm xi tfal jiġru fuq iz-zuntier jew iserrħu mal-bonavostri. Is-segretarja eżekuttiva talbet lis-Sindku, biex jiċċekja mal-kuntrattur rigward l-ingaljar, kif ukoll l-infurzar ta' taħt l-istatwi. Il-kuntrattur huwa nfurmat fuq dawn il-pendenzi, però, s-segretarja eżekuttiva enfasizzat li dawn ix-xogħlijiet iridu jsiru mil-aktar fis biex jiġi evitat xi inċident. L-arċipriet flimkien mal-kleru, awguraw lill-kunsilliera ta' din il-leġislatura l-ġdida l-ħidma t-tajba.

1.5.3 Il-permessi marbuta mat-tiġrijiet taż-żwiemel fil-festa ta' Santa Margerita nħarġu kollha minn naħa ta' *Transport Malta* u l-pulizija.

1.5.4 Is-segretarja eżekuttiva nfurmat lill-kunsilliera, li meta jkun hemm xogħlijiet li jsiru minn naħa tal-korporazzjoni ta' l-ilma jiġi iffirmat *agreement* bejn il-partijiet biex ikunu jistgħu jgħaddu l-fondi.

1.5.5 Il-kunsill rċieva mingħand l-awtorità ta' l-ippjanar applikazzjoni rigward *removal of green belt and shifting of building alignment up to the development boundary* new street of Dun Luqa street. Is-segretarja eżekuttiva bagħtet din il-korrispondenza lill-perit tal-kunsill, biex jekk hemm xi ħaġa li jrid jagħmel il-kunsill, ikun jista' jidderiġi f'din l-eventwalità. Is-Sindku semma wkoll, li l-kunsill għadu kemm daħhal *objection* fuq żvilupp propost fi Triq 20 ta' Lulju għal raġuni li din se jsir ġo sqaq b'faċċata ta' sitt piedi. Il-viċi Sindku staqsa jekk il-kunsill ikunx jaf bl-applikazzjoni mitfuha rigward żvilupp propost, bis-segretarja eżekuttiva twieġeb li kull applikazzjoni tkun imniżżla fil-gażżetta tal-gvern. Is-sa Geraldine mill-uffiċċju tal-kunsill, issegwi dawn l-applikazzjoniet marbuta ma' Ta' Sannat, tieħu nota tagħhom u dawn jintbagħtu lill-kunsilliera permezz ta' imejl. Jekk xi kunsillier ikollu xi mistoqsija jew oġġezzjoni fuq dan l-izvilupp propost, din tinbagħat lill-perit għall-kjarifikazzjoni/parir minn

naħa tiegħu. Is-Sindku saħaq, li mportanti li l-kunsilliera jaraw dawn il-permessi mitluba, għax il-kunsill huwa marbut b'*time-frame* speċifiku sa kemm wieħed jista jdaħħal *objection* jew jitlob kjarifika. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li hemm ukoll fejn tippermetti li persuna permezz tal-periti tiegħu, jista' joġġezzjona personalment l-permess maħruġ bil-qorti, kif kien hemm każijiet li dawn ġew revokati.

1.5.6 Il-kunsill ġie nformat minn naħa ta' l-appell ta' l-awtorità ta' l-ippjanar, eżempju li daħal appell irreġistrat minn terzi fuq propjetà li ġie applikat permess fi Triq Cocco Palmieri. Il-kunsill, f'dan il-każ daħal bħala *interested party* biex ikunu jafu x'inhu għaddej.

1.5.7 Il-kunsill rċieva korrispondenza biex jinxtegħel id-dawl blu biex jiġi mfakkar *blue heart campaign* minn 22 ta' Lulju sat- 30 ta' Lulju. F'dan il-każ, il-kunsill ma jistax jixgħel bil-kulur blu minħabba li hija l-ġimgħa tal-festa ta' Santa Margerita. Il-kunsilliera għalhekk qablu li jinxtegħel il-kulur blu bejn id-29 u it-30 ta' Lulju, xħin tkun għaddiet il-ġimgħa tal-festa. Is-Sindku qal, li fejn hemm l-isem 'Ta' Sannat' fid-daħla tar-raħal jista jinxtegħel blu f'dawn il-jumejn imsemmija. Il-viċi Sindku semma l-possibiltà li fuq il-bini tal-kunsill, jittella arblu. Peress li jrid isir blokka għall-arblu, għal din il-festa mhux se jkun possibli, però s-Sindku ssuġġerixxa li jsiru erbgħa globi ħomor tad-dawl fuq l-apramorta tal-bini tal-kunsill.

1.5.8 Il-kunsill tkellem mal-*project manager* tal-pjazza biex ix-xogħlijiet li baqa' fuq iz-zuntier isiru fi żmien stipulat.

1.5.9 SEM (Servizzi Ewropej f'Malta) awgurat ukoll il-ħidma it-tajba lill-kunsilliera f'din il-leġislatura ġdida.

1.5.10 *Malta Communication Authority* nfurmaw lill-kunsill, li qed isegwu dak li qed ikun *uploaded* fuq il-*website* tal-kunsill. Din l-awtorità sabet kollox sewwa fuq il-*website* tal-kunsill, għajr xi ftit affarijiet żgħar. Membri ta' din l-awtorità se jagħmlu laqgħa fil-kunsill ma' l-amministrazzjoni tal-kunsill.

1.5.11 Il-kunsill rċieva talba biex isir l-*Annual Sports Award* fil-pjazza Santa Margerita. Il-kunsill huwa onorat li din l-attività ser tittella' fil-pjazza u l-preparazzjonijiet qed isiru minn naħa tal-ministeru għal Għawdex. Is-Sindku flimkien mas-segretarja eżekutiva jemmnu li l-kunsill ser ikollu talbiet bħal dawn biex jittellgħu attivitajiet fil-pjazza. Naturalment, il-kunsill mhux se jitlob l-ebda kumpens lill-ministeru għal Għawdex, però jekk ikun hemm nies oħrajn li jkunu jridu jagħmlu xi avvenment, il-kunsill jiddiskuti l-eventwali talba għal-approvazzjoni u jiddeċiedi wkoll f'każ affermattiv fuq il-kumpens li jintalab.

1.5.12 Il-kunsill irċieva talba mingħand l-amministrazzjoni tal-knisja, biex il-kunsill japprova biex jinġieb bowżer ta' l-ilma u jinħasel iz-zuntier u taħt iz-zuntier, peress li saru xi xogħlijiet. Is-Sindku qal li hu ma jsib l-ebda oġġezzjoni, però iridu joqogħdu attenti minħabba l-armar tal-festa.

1.5.13 Il-karnival 2025 se jiġi bejn 22 ta' Frar u l- 4 ta' Marzu. Il-kunsill diġa qed jiġi mistoqsi jekk hux se tittella xi attività f' waħda mil-jiem tal-karnival. Il-kunsilliera qabel li għadu kmieni u jridu jaħdmu ftit *workings* marbuta ma' *budget* u jaraw fejn se jaslu. Is-Sindku issuġerixxa, li kull min qed jibgħat talba biex jipparteċipa fil-karnival, jibgħat ukoll *quote* ta' kemm qed jitolbu. Il-kunsilliera Galea qalet, li wieħed irid joqgħod attent biex f'każ li tittela attività, ma taħbatx ma' rħula oħra.

1.5.14 Is-segretarja eżekuttiva, bħas-soltu bagħtet iċ-ċirkularijiet li jirċievi l-kunsill. Ma kienx hemm mistoqsijiet jew mitluba kjarifiki minn naħa tal-kunsilliera.

1.5.15 Is-segretarja eżekuttiva bagħtet imejl lill-kunsilliera rigward ir-*rights* ta' *Children counsellors* u *mentor*. S'issa ma rċiviet l-ebda konferma mingħand il-kunsilliera, li qed tassumi li ħadd mhu interessat. Jekk xi ħadd ikun interessat irid jikteb lura u hemm l-informazzjoni kollha.

1.5.16 Il-kunsill ġie mitlub jekk l-attivitajiet li jorganizza l-kunsill, jiġux jidħru fil-*website* u s-sit soċjali *E]vents in Gozo*. Però kultant isiru events *at*.

1.5.17 Ir-reġjun t'Għawdex se jorganizza *Summer Camp* bi grupp tat-tfal (10) mill-Ukrajna (eta' 11 sa 14 -il sena) bejn id-19 u 26 t'Awwissu. Diġa kien hemm interess minn kunsilli oħra biex jospitaw lill dawn it-tfal. Il-kunsill ġie mħeġġeġ biex jospitaw u jorganizzaw attività ta' ġurnata. Il-kunsill se jibgħat li huwa nteressat u is-Sindku qed jissuġerixxi li jsir xi ħaġa ma' ta' Skola Sajf, però wieħed irid jara l-etajiet tat-tfal.

## 1.6 Ilmenti u suġġerimenti

1.6.1 Is-segretarja eżekuttiva qalet li kull ilment għandu jiġi rreġistrat permezz ta' applikazzjoni speċifika li timtela l-ufficcju jew minn fuq it-telefon għan-nom tagħhom jew individwu partikulari. Dawn l-ilmenti jiġu rreġistrati b'numru u jiġu msemmija fil-laqgħa li jkun imiss tal-kunsill. Din il-proċedura hija *standard* mal-kunsilli kollha. Is-Sindku qal li huwa mportanti li wieħed jimxi ma' din il-proċedura u jċemplu direttament il-kunsill, speċjament jekk ikun hemm ilment marbut mas-saħħa u sigurtà.

1.6.2 Il-kunsilliera Cassar semmiet suġġeriment rigward installazzjoni ta' *ash trays* fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini, fejn jistgħu ukoll ikunu magħmula minn materjal riċikabbli, għax in-nies qed jitolbuhom biex ikun hemm. Il-kunsilliera semmew il-possibiltà li jinxtraw dawn it-tip ta' *ash trays* li jkunu fuq il-*bins* u dawn ikunu mwaħħlin u eventwalment ikunu jistgħu jinqalgħu fix-xitwa. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li se titlob kwotazzjonijiet fuq dawn il-bins msemmija.

1.6.3 Il-kunsilliera Cassar qalet li ġiet avviċinata mill-baritnu Joseph Lia rigward l-festival ta' l-orgni. Ġeneralment, l-orgni tal-knisja ta' Sannat ikun magħżul biex tittella fuq tliet ijiem attivita mużikali marbuta ma' dan il-festival li jkun mifrux fuq xahar u nofs. Il-kunsilliera

qablu, li l-kunsilliera Cassar se tikkomunika mal-baritnu u tara xi spejjeż hemm relatati ma' din l-attivita mużikali, kemm fejn tidħol il-knisja parrokjali kif ukoll il-kunsill.

1.6.4 Psikoloġa avviċinat lill-kunsilliera Cassar fejn uriet ix-xewqa li toffri korsijiet mtella fis-sala tal-kunsill. Is-segretarja eżekuttiva talbet CV ta' din il-psikologa ghax id dokument li intwera fil-laqgha huwa biss writeup fejn hemm il-kelma terapista u mhux psikologa. Is-CV trid tindika speċifikament fejn studjat ħalli jkunu jistgħu jiġu ċċekkjati d-dettalji qabel pass ieħor.

1.6.5 Is-Sindku qal li l-ministeru għal Għawdex għandu diversi skemi ta' fondi biex jintużaw biex ikunu jistgħu jittellaw korsijiet. Is-Sindku semma wkoll, li bħal kunsill fl-attivitajiet bħal *Beer Festival, Wine Festival, Easter Market* etċ ikun qed jippromovi *team building* bejn l-għaqdiet kif ukoll membri ta' l-istess għaqda.

1.6.6 Il-kunsilliera Cassar semmiet ukoll, li jista' jkun li tintalab xi assistenza finanzjarja lill-kunsill rigward il-karnival, bis-Sindku jgħid, li din għandha tiġi diskussa iktar il-quddiem meta jkun qed joqrob iż-żmien.

1.6.7 Il-viċi Sindku ressaq ilment personali li hemm bżonn ta' manutenzjoni ta' dawl artifiċjali fit-Triq 28 t'April, fejn hemm periklu li jistgħu jaqgħu xi globi tal-bozoz. Is-Sindku qal, li hemmhekk se jsir proġett, però, huwa mportanti li sa kemm jibda u jitlesta l-proġett jitneħħa kull tip ta' periklu. Rigward din it-triq ukoll, il-viċi Sindku qal li qed jissuġerixxi li jinqalgħu xi tankijiet taż-żibel u jitwaħħlu x'imkien ieħor għax qedin qrib ħafna l-bankijiet fejn wieħed jista' jpoġġi. Is-Sindku qal, li fil-progett il-ġdid hemm ippjanat li dawn jitwaħħlu n-naħa l-oħra , għall-kuntrarju tal-proġett li sar fl-2008, fejn kien ippjanat li jitwaħħlu ħdejn il-bankijiet, imma llum il-ġurnata ż-żminijiet inbidlu u anki n-nies żdidu. Il-viċi Sindku semma wkoll, li fi Pjazza tax-Xelina għandu jitwaħħal u jitpoġġa *bin* taż-żibel għax ma hemmx. Is-Sindku semma, li qabel kien hemm *bin* li kien quddiem residenza partikulari, però din il-persuna partikulari kienet titfa kull tip ta' skart organiku f'dan il-*bin*, u konsegwentement kellu jitneħħa ħabba l-irwejjaħ u l-inkonvenjent. Il-kunsilliera qablu li jerġa jitwaħħal dan il-*bin* fejn kien qabel, jiġifieri fejn hemm il-*bus stop*. Il-viċi Sindku semma li tista' titwaħħal kamera biex ma jkunx hemm abbuż ta' tifi ta' skart organiku, però s-segretarja eżekuttiva qalet li wieħed irid jara jkunx hemm fondi disponibbli. Hija qalet, li huwa mportanti li jittieħdu ritratti fejn jaraw abbuż, iressqu ilment, suġġeriment etċ, u jintbagħtu lill-kunsill. Il-kunsillier Bajada saqsa jekk tbiddlitx il-bozza li bagħat ir-ritratt fuqha, bis-segretarja eżekuttiva qalet li l-ordni nħarġet, però s'issa ma' għandhiex konferma m ghand il kuntrattur twaħħlitx jew le.

1.6.8 Il-kunsilliera Galea staqsiet lis-Sindku, jekk ġewx iffirmati d-dokumenti marbuta ma' Triq Skerla. Is-Sindku kkonferma, li dawn ġew iffirmati kif miftiehem.

1.6.9 Diversi persunu talbu biex jitwaħħal ir-railing taz-zuntier. Liema lment ġie diskuss aktar qabel f'din il-laqgħa.

1.6.10 Persuna resqet ilment biex jingħalaq gandott fi triq Mġarr ix-Xini limiti ta' Triq il-Gruwa, għall-fatt li dan huwa ta' periklu u ma jidhirx minħabba li jkun mgħotti bil-ħaxix ħażin. Il-

persuna kompliet li dan il-gandott ikun mimli bi skart goff u anki saħansitra sargastri ta' annimali. Dan ilment ġie mgħoddi permezz tas-sistema tal-Ministeru għal Għawdex. Apparti minn hekk, il-kunsill bagħat lill *community police* biex jitkellem mal-persuni li joqogħdu qrib iż-żona f'każ li forsi jafu b xi ħaga rigward imma l-ebda persuna ma ħadet ir-responsabiltà u l-kunsill ma jistax ikun jaf min qed jarmi illegalment.

1.6.11 Residenti talbu li titranġa l-bankina quddiem ir-residenza, liema talbiet jgħaddu lill-ministeru għal Għawdex, permezz tas-sistema.

1.6.12 Il-kunsill irċieva talba biex jitwaħħal ir-*railing* ta' l-islipway tal-bajja ta' Mġarr ix-Xini, liema talba għaddiet lill-Ministeru għal Għawdex permezz tas-sistema.

1.6.13 Resident li joqgħod fi Triq Skerla, talab biex ikollu aċċess għall-garaxx tiegħu, peress li qed ikun hemm ix-xogħlijiet għaddejjin u ma tpoġġewx bizzejjed pjanċi biex ikun jista' jidħol bil-vettura tiegħu. Is-segretarja eżekuttiva kellmet lill-kuntrattur dirett, fejn qalilha li huma kellmu lil kull resident biex ikollu aċċess. Il-kuntrattur qal li jekk hemm xi persuna li għandha diffikultà ta' aċċess, jitkellmu direttament magħhom ħalli jirranġaw biex ikollhom l-aċċess miftuħ. Is-segretarja eżekuttiva insistiet li l-kuntrattur għandu joffri aċċess lil kull sid ta' garaxx u dejjem skont ir-regolamenti tal-saħħa u s-sigurtà.

1.6.14 Resident ieħor li joqgħod f'istess akwati ta' Triq Skerla, daħħal ilment rigward nuqqas ta' dawl u pparkjar ta' inġenji bl-addoċċ, u anki saħansitra ipparkjar ta' inġenji eżattament mal-bibien residenzjali inklużi ma' bieb ta' lukanda żgħira kif ikkonfermat bir-ritratti li ntbagħtu lis-segretarja eżekuttiva. Il-kunsill kellem lill-kuntrattur partikulari, li minn naħa tiegħu qal li se jieħu ħsieb dawn l-ilmenti. Persuna oħra ukoll saħaq, li sfortunatament mhux qed jinżammu r-regolamenti tas-saħħa u sigurtà, speċjalment ta' nuqqas ta' *hoarding* fl-aħħar tal-ġurnata madwar skart ta' kostruzzjoni li jista' jkun ta' periklu. Is-segretarja eżekuttiva tkellmet mas-Sindku, li min naħa tiegħu kellem lill-kuntratur direttament rigward din l-inkonvenjenza.

1.6.15 Residenti li joqogħdu fl-akwati ta' Triq Skerla, lmentaw li għall-fini estetika, il-pjazzetta ta' misraħ Skerla m'għadhiex attrajenti minħabba l-kostruzzjoni li għaddej, barra nuqqas ukoll ta' dawl. Is-Sindku qal li bħalissa għaddejja l-kostruzzjoni, u l-kuntratturi biex jipproteġu l-bankina għamlu biċċa konkos li ma tantx hija estetikament sabiħa. Is-Sindku irrikonoxxa dan l-inkonvenjent, però,wieħed irid ifakkar li f'leġislazzjoni preċedenti, l-kunsill ħadem bis-sħiħ biex din il-parti tar-raħal isir *embellishment* mill-istat li kienet qabel.

1.6.16 Il-kunsill rċieva lment li hemm ħafna dawl artifiċjali fuq il-ġibjun, avolja kif ikkonferma is-Sindku tneħħiet il-*floodlight* li kienet qed tagħti għal fuq il-ġibjun. Il-kunsill qabel li għandhom jaraw il-possibiltà li jitnaqqas il-*voltage* tad-dawl tal-bozoz.

1.6.17 Resident li joqgħod ġol-*housing estate* ta' Seguna issuġerixxa li jsir *speed hump* peress li jkun hemm sewwieqa li jabbuzaw fis-sewqan eċċessiv fil-kantuniera u ħafna sewwieqa mhumiex josservaw l-*Stop sign* u għax għad għandhom l-impressjoni li vetturi ma jinżlux minn Triq Bebunaq. Is-segretarja eżekuttiva qalet li jridu jaraw tistax isir u anki għandha

ritratti fejn jixtiequ li tiġi din ir-*road hump* . Il-kunsill qabel li għandha terġa tinżebaħ l-*Stop Sign*, għax dawn kull tant żmien il-*marking* tagħhom ikun irid jinżebaħ. Is-Sindku qal li jridu jiċċekjaw twaħħlitx it-tabella ta' l-*Stop sign* fi Triq l-10 t'Ottubru. Il-kunsillier Bajada qal li kien hemm resident li ressaq ilment biex tinqala *road hump* fi Triq l-Imramma minħabba l-istorbju.

1.6.18 Resident ilmenta rigward ħofra perikoluża fi Triq Seguna. Liema ilment ġie mwassal bis-sistema tal-Ministeru għal Għawdex.

1.6.19 L-*Intervention Team* għarraf lill-kunsill biex isir *patching* fi Triq Skerla, però is-segretarja eżekuttiva qalet li mir-ritratti li bagħtu ma tidhirx li hija Triq Skerla. Il-kunsill se jkellem lil dan it-*team* biex jaraw eżżatament għal liema parti qed jirreferu.

1.6.20 Daħal ilment minn persuna, li fi Triq il-Kbira hemm żewġ toqob, eżattament malli toħroġ mis-sqaq magħruf bħala 'Ta' Peppa' u jdur lejn in-naħa ta' dar jisimha 'Gioioso'. Hemm ukoll ġebla fuq il-bankina li kienet irrapurtata f'laqgħat preċedenti fil-leġislatura l-oħra li għadha hemm jiġifieri dik l-*ispection* għad mhix mqegħda f'postha. Regghet daħlet fis-sistema.

1.6.21 Il-kunsilliera Cassar qalet li kellmuha xi persuni, fejn xtaqu li ssir bozza fl-aħħar *bus stop* fi Triq il-Kbira. Il-Kunsilliera Cassar ikkonfermat li hemm arblu biex titwaħħal il-bozza, u għalhekk il-kunsill se jara tistax titwaħħal il-bozza u anki l-ispejjeż involuti.

1.6.22 Il-viċi Sindku Cassar qal li hemm nuqqas ta' dawl x'ħin wieħed jitla minn Triq ta' Ċenċ u jdur lejn l-isqaq għal Triq Il-Gruwa. Il-kunsillier Bajada semma wkoll li għandha ssir bozza fejn kien Palozzo Margerita.

## 1.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti /2024

1.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 2 /2024 li ntbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija minn Frances Galea. Is-segretarja eżekuttiva qalet li dawn il-pagamenti jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-kunsilliera Galea u ssekondata mill-Kunsilliera Cassar Sultana. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma' dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 1.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

1.8.1 Il-laqgħa ntemmet fil-2.19pm u ġiet aġġornata. Il-laqgħa li jmiss hija skedata għal L-Erbgħa 28 t' Awwissu fil-11.00am.

Konfermati, illum _____ta' ___________________ 2024

| **Iffirmati** | **Iffirmati** |
|---|---|
| Philip Vella<br>Sindku | Marie Josette Vella Magro<br>Segretarja eżekuttiva |